# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Diċembru, 2024.**

**Numru 10**

**Rikors numru 554/2016/1 AF**

**Alexander u Antonia konjuġi Debono**

**v.**

**Meliton Group Limited u**
**Meliton Properties Limited**

**Il-Qorti:**

1. L-atturi fetħu l-kawża (*actio pauliana*) li biha qegħdin jimpunjaw att ta' bejgħ pubblikat min-nutar Pierre Cassar fis-6 ta' Settembru 2012 u li sar bejn il-konvenuti. B'dak il-kuntratt Meliton Group Limited ittrasferiet immobbli lill-kumpannija konvenuta l-oħra. L-atturi huma kredituri tal-kumpannija Meliton Group Limited għall-ħlas ta' spejjeż ġudizzjarji tal-

kawża 876/2007/JSM fl-ismijiet Meliton Group Limited vs Alexander Debono et. Għalhekk fetħu l-kawża sabiex il-Qorti tiddikjara li dak il-kuntratt sar b'qerq għad-drittijiet tal-atturi bħala kredituri ta' Meliton Group Limited, u biex tiddikjarah null u bla effett.

2. Il-konvenuti kkontestaw il-kawża u fis-17 ta' Ottubru, 2023 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat sentenza li biha ddikjarat li l-imsemmi att sar b'qerq għad-drittijiet tal-atturi, u għalhekk hu null u bla effett. Għalhekk ordnat il-pubblikazzjoni ta' "kuntratt ta' rexxissjoni tal-kuntratt tas-6 ta' Settembru 2012" u għal dan il-għan ħatret nutar u żewġ kuraturi sabiex jidhru għal min jibqa' kontumaċi.

3. Fl-10 ta' Novembru, 2023 il-konvenuti appellaw mis-sentenza. Fit-12 ta' Diċembru 2023 l-atturi wieġbu, u fil-11 ta' Jannar 2024 l-appellanti taw il-garanzija għall-ispejjeż tal-appell.

4. Fid-29 ta' Ottubru, 2024 il-partijiet ippreżentaw rikors konġunttiv fejn iddikjaraw li b'kuntratt pubbliku tal-25 ta' Ottubru, 2024 kienet intleħqet transazzjoni (Dok. A mehmuż mar-rikors) u talbu:

> *"Għaldaqstant l-esponenti umiliment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tgħaddi biex tagħti deċiżjoni fir-rigward tal-appell odjern a bażi tat-transazzjoni milħuqa mill-kontendenti permezz tal-att pubbliku fl-atti tan-Nutar Malcolm Mangion datat 25 t'Ottubru 2024 bejn il-kontendenti (kopja hawn annessa u markata bħala Dokument A) u dana billi tordna li s-sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivil tiġi mħassra u revokata, bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti (stante li ġia ġew imħallsa)".*

5. Fil-kuntratt pubblikat fil-25 ta' Ottubru, 2024 il-partijiet inter alia ddikjaraw:-

> *"1. The Parties agree, accept and acknowledge that the amount due to Debono by Meliton Group and Meliton Properties in full and final settlement of all and any claims and/or pretensions that Debono have or could potentially have against Meliton Group and/or Meliton Properties amounts to €24,000 (twenty four thousand Euro), hereinafter referred to as the 'Settlement Amount'*
>
> *.......*
>
> *3.1 Meliton Group and Meliton Properties are on this Deed paying to Debono the Settlment Amount, by virtue of a banker's draft, in full and final settlement of all and any claims and/or pretensions that Debono have or could potentially have against Meliton Group and/or Meliton Properties and for which payment debono are giving due receipt according to Law by the signing of the Deed.*
>
> *3.2 Nothwithstanding any other provision in this Deed, the Parties expressly agree that the Settlement amount of €24,000 (twenty four thousand Euro) paid by Meliton Group and Meliton Properties to Debono as per clause 3.1 of this Deed shall be retained by Debono in full and final settlement of all claims, rights, and pretensions as set out in this Deed, irrespective of whether the Court of Appeal revokes or upholds the Debono judgment or any other decision or judgement delivered in relation thereto. Under no circumstances shall Debono be required to refund or eturn the Settlement Amount, in whole or in part, to Meliton Group and/or Meliton Properties.*
>
> *..........*
>
> *6.Without limiting the generality of the foregoing and in addition thereto Debono hereby irrevocably declare that they have no claims, pretensions and/or rights of whatever nature and/or origin, against Meliton Group and/or Meliton Properties, their respective shareholders and/or officers, for reasons which are known or could be known in the future, in relation to, in connection with, arising from, as a consequence of and/or relative to, directly or indirectly, the First Law Suit, the Meliton Deed, the Injunction, the Second Law Suit, the Debono Judgement, the Appeal or the merits thereof".*[1]

---

[1] Skont il-kuntratt, 'the Second Law Suit' hi l-kawża Alexander Debono et vs Meliton Group Limited et (Rikors numru: 554/2016AF); 'the Debono Judgement' hi s-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-17 ta' Ottubru, 2023 fil-kawża 554/2016AF u li minnha appellaw il-konvenuti; 'the Appeal' hu l-appell li ppreżentaw il-konvenuti fl-10 ta' Novembru 2023 li bih talbu għar-revoka tas-sentenza appellata.

6. Il-Qorti rat l-att imressaq mill-partijiet fil-qafas ta' dak li jipprovdu l-Artikoli 1718, 1723(2), 1725, 1726 u 1729 tal-Kodiċi Ċivili u ssib li twettqu l-ħtiġijiet tal-liġi biex dak miftiehem bejn il-partijiet ikollu s-saħħa ta' sentenza u jkun inkorporat f'din is-sentenza. Tqis ukoll li, kif dikjarat mill-partijiet fil-kuntratt ta' transazzjoni, l-oġġett u l-kwistjonijiet li jinsabu mniżżla fih jirrigwardaw id-deċiżjoni appellata u l-appell li ressqu l-konvenuti;

**<u>Deċiżjoni</u>**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda tipprovdi dwar l-appell imressaq mill-konvenuti mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tas-17 ta' Ottubru, 2023 billi:

1. Tinkorpora f'din is-sentenza t-transazzjoni magħmula bil-kuntratt tal-25 ta' Ottubru, 2024 pubblikat min-Nutar Dr Malcolm Mangion, bil-pattijiet u kondizzjonijiet kollha inkorporati f'dak il-kuntratt;

2. Tiddikjara għal kull buon fini li s-sentenza appellata m'għandhiex, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, tagħmel stat fil-konfront tal-partijiet. Għalhekk għandha titqies daqslikieku qatt ma ngħatat u l-atturi m'għandhom jedd li jgħaddu għall-eżekuzzjoni tal-istess.

Spejjeż tal-ewwel sentenza u ta' din is-sentenza jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
| --- | --- | --- |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb